MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2013

Numru. 959/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**Mario Buhagiar, iben Saviour u Carmen nee' Galea, imwieled Tal Pieta' nhar id-9 ta' Awwissu, 1984, residenti fil-fond numru 15, Salvatur, Triq il-Qattara, Mqabba, detentur tal-karta tal-identita' numru 381084M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mario Buhagiar** li gie akkuzat talli nhar l-14 ta' Marzu, 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

1. Biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew b'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta, li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (valium) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat illi sar l-ezami tal-imputat, li fih wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu (folio 14).

Rat ukoll l-ordnijiet mibghuta mill-Avukat Generali, taht il-Kapitolu 31 u l-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Xehdet WPS 86 Diane Fenech li ghall-habta tal-5.30pm, fiz-Zurrieq ghamlu tfittxija f’Hyundai Accent vjola. Gew elevati mill-bieba tal-imsemmija vettura li fiha kien hemm l-imputat, pakkett tas-sigaretti xi raza u borza. Kien hemm

anke bicca raza mal-art. Minn tfittxija fir-residenza tal-imputat, fil-kexxun tal-gwardarobba nstabet raza ohra. Instabu wkoll xi flus, ammont ta’ flus f’basket tal-Vascas. Instabet ukoll kokaina. Id-data kienet l-14 ta’ Marzu, 2008, fil-5.30pm.

Il-vettura kellha numru tar-registrazzjoni KAD882.

In kontro ezami kkonfermat illi nstabu wkoll fit-tfittxija affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga. Ikkonfermat illi l-imputat fl-istqarrija kkonferma li kien jabbuza mir-raza.

Minn naha tieghu l-Ispettur Johann Fenech ezebixxa l-istqarrija tal-imputat, Dok MB folio 17.

F’dan ir-rigward, ghandu jigi wkoll puntwalizzat, minhabba l-izviluppi Kostituzzjonali, illi giet ezebita l-fedina penali ta’ Mario Buhagiar – netta. L-imputat kellu tlieta u ghoxrin(23) sena, meta rrilaxxa l-istess stqarrija. Xehed ukoll l-istess Spettur illi waslu ghal Mario Buhagiar b’koperazzjoni ta’ zaghzugh li ghazel anke illi jcempel lill-imputat u ftiehem mieghu biex jixtri l-cannabis. Iltaqghu dawn it-tnejn bi ftehim go Vjal il-Blu Grotto, Zurrieq. L-Ispettur kompla jixhed dwar dak li fil-fatt gie rrapurtat lilu minn nies tieghu. Xehed ukoll illi fuq it-trovata li fuqha xehdet kif riprodott WPS 86 Diane Fenech, hu nforma lill-Magistrat tal-Ghassa u saret id-debita Inkjesta.
In kontro ezami qabel illi Buhagiar kien ammetta mieghu li kellu problema ta’ droga – wahda akuta. Qabel ukoll illi waslu ghal Buhagiar fl-ambitu ta’ controlled delivery taht il-Kappa tal-Magistrat Inkwirenti.

Anke PC 1372 Alan Cutajar xehed fil-konfront tat-tfittxija li saret fil-vettura KAD882 li fiha kien hemm l-imputat; kif ukoll fil-konfront tat-tfittxija li saret gor-residenza fejn jghix Buhagiar. Ikkonferma s-sejba ta’ cannabis, flus, kif ukoll pirmli u trab abjad suspettat eroina.

Minn naha tieghu, PS 1174 Adrian Sciberras xehed illi hu kien arresta lil certu Christopher Buhagiar minn fejn l-iskola Higher Secondary, Msida, fejn kellu jsir street party. Xehed illi fuq dan instabu sustanza suspettata resin.

Xehed illi Buhagiar kien anke lest jghid lill-pulizija minn fejn xtara l-istess sustanza. Semma lil certu Mario Buhagiar. Qal illi ghalhekk dan ftiehem ma’ dan Mario fuq it-telephone biex jiltaqa’ mieghu Hal Safi, pero l-istess Mario biddel il-venue u ltaqghu z-Zurrieq. Marru hemm. Hawn gie ntercettat l-imputat gol-vettura Hyundai Accent vjola KAD882. Meta waqqfu lill-imputat, xehed illi fil-bieba ta’ din il-vettura, sabu ammont sostanzjali ta’ bicciet ta’ sustanza suspettata resina tal-cannabis. Saret anke search go dar l-imputat, pero dan ix-xhud ma ppartecipax fl-istess.
In kontro ezami qabel illi l-kuntatt bejn Mario u Christopher (it-tnejn Buhagiar) kien wiehed telefoniku. Ix-xhud qal illi hu kien sema’ biss lil Christopher icempel lil Mario, u jghidlu li kellu bzonn ammont ta’ resin, anzi zied illi ghalkemm kien prezenti ghat-telefonata, ma qaghadx jaghti kaz x’qed jghidu. Ikkonferma li fit-telefonata sar diskors li Christopher ried jiltaqa’ ma’ Mario.

Minn naha tieghu Brian Farrugia, in rapprezentanza tal-ADT, xehed illi l-vettura KAD882 kienet registrata fuq Saviour Buhagiar mit-2 ta’ Gunju, 2004, u hekk kienet ghadha – vide Dok BF folio 42.

L-esperti PS 1147 Antoine Fenech, prezenta r-relazzjoni tieghu ta’ fotografija b’sittax(16)-il ritratti.

Minn naha tieghu, l-Ispizjar Mario Mifsud, fil-konfront tad-droga maqbuda u elevata, ikkonkluda li:
“*Illi ma nstabux sustanzi llegali fuq mus illi kien hemm fid-dokument 465/09/01 u fis-speci ta’ sett illi kien hemm f’pouch blu fid-dokument 465/09/02;*
*Illi z-zewg pilloli bojod illi kien hemm fid-dokument 465/09/03, instabu li kienu pilloli tan-Nortriptyline. Dawn il-pilloli, li jintuzaw bhala antidepressants, mhux ikkontrollati bil-Ligi;*
*Illi l-pillola safra li kien hemm fid-dokument 465/09/03, instabet illi kienet pillola tad-Diazepam. Din il-pillola, li tintuza bhala tranquiliser, hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;*
*Illi nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), sustanza li tinstab fil-pjanta tal-cannabis, f’joint illi*

*kien hemm fid-dokument 465/09/01, u f'cannabis crusher, f'pipa, u fi frak kannella li kien hemm fid-dokument 465/09/02;*
*Illi l-blokok zghar ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 465/09/01 u 465/09/02 rispettivament, u t-trab kannella li kien hemm fid-dokument 465/09/02, li l-piz nett totali taghhom kien ta' 117.34 grammi, instabu li kienu raza tal-pjanta tal-cannabis. F'dawn il-blokok ta' sustanza kannella u t-trab kannella stabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-purita' medja tar-raza tal-cannabis misjuba gos-sustanza Tetrahydrocannabinol kienet ta' circa 05.9%. Ir-raza tal-pjanta tal-cannabis, li go fiha tinstab is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt illi s-sustanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Illi fit-trab kannella li kien hemm fid-dokument 465/09/03, illi l-piz nett totali tieghu kien ta' 0.68 grammi, instabet fih is-sustanza kokaina. Il-purita' tat-trab il-kannella gha-sustnaza kokaina kienet ta' circa 21.1%. Is-sustanza kokaina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"
(vide Dok MM, ezebit nhar il-15 ta' Marzu, 2010)

Il-Perit Valerio Schembri nominat f'din l-Istruttorja ai termini tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ezebixxa r-relazzjoni tieghu a folio 104, Dok VS. Ikkonkluda hekk:

"***Konstatazzjonijiet***

*1. PS 1174 Adrian Sciberras indika lill-Perit Tekniku post circa 5.00m mill-kantaniera bejn Triq San Pawl u Vjal Blue Grotto, Zurrieq, bhala l-lok fejn il-pulizija sabet l-allegata sustanza suspettuza fil-karozza li kien fiha l-imputat.*

*2. L-Ispettur Johann Fenech indika lill-esponent s-segwenti postijiet illi l-istess Ufficjal Prosekutur dehrlu li kellhom jigu kkonsidrati ghall-fini tal-parti tal-akkuza odjerna li tirrigwardja l-mitt metru:*

*i. Kylie Café*
*ii. 3M Southern Fried Chicken*
*iii. Area 51 Bar*
*iv. Five a side pitch li hemm fl-akkwati*

***Konsiderazzjonijiet***

*Illi qabel wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, l-esponent ghamel is-segwenti konstatazzjonoijiet:*
*1. Il-Perit Tekniku jaghmel referenza ghall-pjanta ezebita Dok A ma' din ir-relazzjoni fejn qed jindika l-post muri lill-esponent minn PS 1174 Adrian Scibrras*
*2. Fl-istess pjanta qed jigi muri cirku ta' radius ta' circa mitt metru (100.00m).*
*3. Fir-rigward tal-erba' postijiet indikati mill-Ufficjal Prosekutur jirrizulta li dawn kollha jaqghu fic-cirku hekk kreat bir-radius ekwivalenti ghad-distanza ta' mitt metru.*

***Konkluzjoni***

*Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni tieghu u mill-konstatazzjonijiet li l-Perit Tekniku ghamel fuq il-post in kwistjoni, jidher illi l-postijiet indikati mill-Ufficjal Prosekutur jaqghu fid-distanza ta' mitt metru (100.00m) mill-post indikat lill-esponent minn PS 1174 Adrian Sciberras.*"

Giet ezebita wkoll ix-xhieda guramentata ta' Christopher Buhagiar illi ttella' jixhed viva voce quddiem din il-Qorti u kkonferma l-istess. Ikkonferma li hu kien ghazel illi jikkonferma l-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn qal u kkonferma li l-pulizija kienu sabu fuqu pakkett Rothmans ahmar, lighter, u tliet bicciet tal-karti. Ikkonferma li fil-pakkett kien hemm marijuana, smoke. Qal illi kien xtara droga jumejn qabel (il-bieraht lura) versu l-prezz ta' hamsa u ghoxrin Ewro(€25) minghand certu Mario mill-Imqabba li jsuq Accent hadra. Ta anke l-mobile number tieghu. Qal illi kien ilu jafu madwar sena u li kien jixtri minghandu darba kull gimaghtejn – smoke. Ikkonferma li kull gimaghtejn kien jonfoq ghalhekk hamsa u ghoxrin Ewro (€25).

Mistoqsi fejn kien jiltaqa’ ma’ Mario, wiegeb il-Maqluba jew Hal Milleri, l-Qrendi, billi kien icempillu u dan icempillu lura. Minghandu kien jixtri smoke u ecstasy. Zied pero li kien ilu ma jixtri ecstasy madwar sena u nofs. Innega li hu kien imexxi d-droga. Ikkonferma li kien ilu jixtri marijuana minghand l-imputat ghal sitta(6) seba’(7) xhur average, ta’ hamsa u ghoxrin Ewro (€25) kull hmistax. Ikkonferma li fuq dan il-kaz huwa kien ghen lill-pulizija billi kien anke cempel lil Mario biex jaqdieh bicca smoke – dejjem versu l-prezz ta’ hamsa u ghoxrin Ewro (€25). Ikkonferma li kien icempillu fuq il-mobile.

In kontro ezami xehed illi isem l-imputat fuq il-mobile tieghu kien saved bhala M, illi kien ifisser ghalih dan Mario Mqabba. Issa qal illi kien xtara ftit droga minghandu – xi darbtejn, zewg okkazjonijiet biss (folio 131). Qal illi kien xtara minghandu dawk l-ahhar gimaghtejn, u li kien ilu jafu forsi xi xahrejn. Qal illi ghalkemm qabel xehed illi kien ilu jixtri minghandu xi seba’(7) xhur, pero fil-verita’ ma kinx qed jaghti verzjoni differenti ghaliex fil-fatt ma kinx jinzel jixtri hu personalment. Kien l-ahhar darbtejn illi ghamel kuntatt personali mieghu. ikkonferma li kien jigi akkumpanjat minn certu Joseph li kellu Skoda. Qal illi kienu jiltaqghu l-Imqabba u qabel kien jinzel dan Joseph. Qal ukoll illi normalment dawn id-deals kienu jsiru filghaxija versu s-sitta (6.00pm), skondtu ftit qabel id-Duluri, lejn April.

Spjega li l-imputat kien imur fuq il-post b’vettura Hyundai, kulur skur.

Qal ukoll illi qabel id-deal kien isir billi Joe kien jinzel mill-karozza. Qal illi kien jidentifika lil Buhagiar, anke jekk dan kien jibqa’ gol-karozza, ghax kien jaf min hu, kien jarah qabel. Insista li kien jara lil dan Mario minn gol-mera meta kien fil-bidu jixtri minghandu siehbu Joe. Insista li hu kien jaf lil dan Joe, u kien jaf minghand min kien jixtri d-droga.

Ikkonferma l-gurnata tat-telefonata, illi filghodu cempel lil Mario hu – dan biex jiltaqghu, u staqsieh jistghux jiltaqghu filghaxija. Qal illi pero ma ltaqax mieghu. Zied illi ftehmu li jiltaqghu Hal Safi, pero li Mario nizel iz-Zurrieq.

In ri-ezami spjega li hu kien ilu seba’(7) xhur jaf b’dan Mario, u li beda jixtri minghandu personalment l-ahhar xahrejn. Spjega li qabel kien imur jixtri ma’ haddiehor

minghand Mario, l-ewwel hames(5) xhur. Irrepeta li l-ewwel hames (5) xhur kien jibghat lil Joe jixtri minghandu. Ikkonferma li fl-ahhar darbejn mar jixrtri hu minghand Mario. Qal pero li xorta mar ma' dan Joe. Qal illi hu kien iddilja ma' dan Mario, pero kien Joe li hadu hemm. Qal illi kien Joseph illi kien icempel lil Mario, u kienu jmorru jixtru. Qal illi dan Mario kienu jiltaqghu mieghu l-Maqluba, u kien igib l-affarijiet mieghu. Issa qal illi hu qatt ma kien icempel lil dan Buhagiar, nonostante li kellu ismu saved biex jekk ma jkunx jista' l-iehor, kien icempillu hu.
Qabel pero li meta sar id-deal quddiem il-pulizija, kien pero hu li cempel. Issa qal illi dakinhar biss illi kien cempillu ghax kien anke semma l-bniedem l-iehor qabel.

Rat ukoll il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 u l-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 120).

Minn naha tieghu xehed anke l-imputat. Qal illi meta nvestigawh il-pulizija kienet il-gurnata tad-Duluri. Qal illi kien xoghol u cempillu xi hadd – habib ta' dak tal-BMW ta' Hal Safi. Qal illi dan ghaliex hu kien imdejjen biex jixtri l-smoke, imdejjen b'hamsin Ewro (€50). Qal illi fl-ahhar tax-xahar kien jispicca fixxa u kien ikollu jissellef dawn il-hamsin Ewro (50) bil-patt illi jrodd lura sebghin Ewro (€70). Qal illi dan kien jghollilu b'hames Ewro (€5) kuljum. Kien jiddejjen il-flus minghand ta' Hal Safi tal-BMW, pero dan ma kinx jaf x'jismu u li kien laqqghu mieghu wiehed Gharbi. Qal illi kellu problema kbira ta' smoke. Qal illi kien ipejjep bi kwazi ghaxar liri Maltin (Lm10.00) kuljum.
Qal illi hu baqa' bil-hsieb illi kellu jiltaqa' ma' tal-BMW biex jaghtieh xi flus, ghalhekk skondtu sabulu sebghin Ewro(€70) fl-ash tray tal-karozza – dawn biex jghaddihomlu. Ikkonferma li wara li gab il-licenzja gieli saq il-karozza ta' missieru – il-Hyundai Accent vjola.
Qal illi mar Hal Safi biex ma jghollilux b'hames Ewro (€5) kuljum. Qal illi mbaghad ghaddew ghalih tnejn minn nies illi qabel kellu xi jghid maghhom, wiehed zgur Noel. Qal illi ghax beza' li jpattuhielu, allura nizel iz-Zurrieq. Cempel lil dak ta' filghodu biex jghidlu li ccaqlaq, dejjem bil-hsieb illi dan kien baghtu tal-BMW.

Ikkonferma li kellu diversi bicciet smoke fuqu, dan ghaliex il-habit tieghu kien kbir. Kien ser johodhom l-ghalqa biex ikun jista' jmur jaqbad u johodhom.

Dwar dak illi xehed Christopher Buhagiar, qal illi hu kien cert illi qatt ma kien ra lil dan b'ghajnejh. Qal illi hu kellu bzonn minn jaghti droga lilu.

Dwar l-statement qal illi qatt ma nghata opportunita' jkellem pulizija, u li kien irrilaxxa dik l-istqarrija ghax kien mugugh.

Qal illi nonostante li qabel kellu habit kbir – ipejjep bicca b'ghaxar liri Maltin (Lm10.00) kuljum, issa kien clean, u li mill-Caritas kellu kuntatt ma' Rueben Degabriele.

Qal dwar l-istqarrija li dak iz-zmien kellu infection fl-urina, kellu l-gebla u li kien mugugh hafna. Qal illi qal dak li qal biex ifittex jitlaq 'il barra. Qal illi ghalkemm fl-ewwel gurnata tal-arrest inghata l-pilloli, fit-tieni baqa' mugugh ghax ma tawhomlux. Xehed dwar ir-rebus illi kien ghamel mill-ktieb tal-bank meta beda jahdem, illi kien jixtri kull tip ta' droga. Kien jixtri bil-kwantita' biex id-droga sservieh gimgha – gimgha u nofs.

Dwar is-seba' mija u sebghin Ewro (€770), illi l-pulizija sabu fil-kexxun, qal illi dik kienet il-paga tieghu. Dwar is-sebat elef u ghoxrin Ewro (€7,020) misjuba fil-cupboard, xehed illi dawn kienu tfaddil tieghu u ta' missieru, biex jixtru ghalqa flimkien. Qal illi elfejn lira Maltin (Lm2,000.00) minnhom – circa erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin Ewro (€4,658) kienu ta' missieru – tahomlu biex jghinu fit-tfaddil.

Qal illi hu qatt ma biegh droga, u lanqas ta lil hadd. Qal illi hu qatt ma ried jaghti biex ma jnaqqasx minn tieghu.

In kontro ezami nsista li hu ma kinx jaf lil dak li mar biex jiltaqa' mieghu, nonostante li dan meta cempillu ghajjatlu b'ismu. Qatt ma kien iltaqa' wicc imb'wicc ma' dan ir-ragel. Qal illi dan kien mibghut minn xi hadd ghalhekk gharfu, u li hu mar biss biex ihallas id-dejn tieghu. Qal illi hu kellu ntenzjoni jaghti l-flus lil dan, imbaghad jibqa' sejjer l-ghalqa jpejjep id-droga misjuba. Qal illi dak il-hin kien qieghed ipejjep joint. Mistoqsi dwar il-flus misjuba, ikkonferma li kellu s-somma ta' sebat elef tminn mija u sittin Ewro (€7,860), seba' mija u sebghin Ewro (€770), u sebghin Ewro (€70) – dawn kollha fil-kamra tieghu. Ikkonferma dan, pero baqa' nsistenti li anke kellu sebghin

Ewro (€70) fil-karozza. Anzi nsista li ma kinx jaf illi kellu sebghin Ewro (€70) fil-kamra tieghu. Baqa' nsistenti, nonostante li dawn ma nstabux mill-pulizija, li kellu dawn is-sebghin Ewro (€70) fil-vettura. Anzi issa in kontro ezami qal illi kien minghalih li kellu dawn is-sebghin Ewro (€70) fl-ash tray tal-karozza, dan nonostante li l-Ispettur indikalu li fl-ash tray instabet biss droga.
Ikkonferma li hu kien cempel lill-persuna li kellu jiltaqa' maghha, u qallha li kien ser jiccaqlaq. Qal illi kien ser jiltaqa' mieghu, nonostante li ma kinx jaf lil min kien qieghed ikellem, ghax l-iehor - tal-BMW, qatt ma kien laghbu qabel.
Dwar l-statement, qal illi hu ried jehles ghax kien mugugh. Lanqas ftakar li l-Ispettur ried jiehdu l-Isptar.
Dwar il-fatt illi originarjament kien qal lill-pulizija li ried jikkopera maghhom biex jindikalhom minn fejn kien jixtri d-droga, baqa' jinsisti li dan qalu biss ghax kien mugugh.
Innega wkoll dak li qal fl-statement, u cioe' li l-flus misjuba fid-dar, parti minnhom kienu qliegh mid-droga.
Wiegeb illi fil-bidu ma ridx idahhal lil ommu ghax ma kinitx taf li kien ser jixtri l-ghalqa.
Qal issa illi qatt ma biegh droga jew qala' flus mid-droga, kif ukoll illi qatt ma kien ra wicc dak illi kien cempillu.

Issa kif gia' ntqal, meta din il-Qorti rriproduciet ix-xhieda tal-Ispettur, l-imputat irrilaxxa stqarrija. Jirrizulta fil-fatt illi din ittiehdet qabel l-emendi li jippermettu l-assistenza legali. Dan gie anke enfasizzat mill-Avukat Difensur, pero stranament imbaghad, l-imputat ghazel illi jispjega u jaghmel referenza ghall-istess stqarrija. Wiegeb anke in kontro ezami fuq l-istess.

Tqis ukoll il-Qorti, illi din l-istqarrija ghandha tkun ammessa minhabba l-izviluppi li saru mill-Qrati taghna dwar l-istess. Diversi kienu s-sentenzi, illum kontinwament citati. Landmark judgment kienet dik tal-Qorti Kostituzzjonali datata 8 ta' Ottubru, 2012 fl-ismijiet "Charles Stevens Muscat vs Avukat Genrali". Decizament, ghalkemm il-fedina penali tal-imputat kienet netta fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrija tieghu, pero l-imputat kellu tlieta u ghoxrin (23) sena; u ex admissis persuna li tiehu d-droga bil-frekwenza kif xehed hu, ftit ghal din il-Qorti hija

wahda vulnerabbli. Taghmel ukoll il-Qorti referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt Yvonne Farrugia) vs Paul Cutajar", deciza nhar it-18 ta' Gunju, 2013, Appell Numru 58/2012:
"*Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija.*"

Issa fl-istqarrija ezebita, l-imputat qal dwar il-flus misjuba, illi fil-presenza tieghu giet maghduda s-somma ta' sebat elef tminn mija u sittin Ewro (€7,860). Spjega li f'basket f'cupboard fil-kamra tieghu, basket tal-karti kulur blue tal-Vascas, kellu s-somma ta' sebat elef u ghoxrin Ewro (€7,020) – nofshom tieghu u nofs ta' missieru, kwazi nofs bin-nofs. Qal illi kienu qed igemmghu biex jixtru ghalqa. Qal illi fl-istess cupboard kellu wkoll sebghin Ewro (€70) loose. Zied illi f'kexxun kellu wkoll pocket ta' nuccali li fih kellu sebghin Ewro (€70).

Dwar it-tfaddil, qal illi l-flus kien idahhalhom mill-paga tieghu u gieli flus li kien jaqla' meta jaghti xi bicca raza lil xi habib tieghu. Ammetta f'dan l-istadju li hu kien jixtri r-resin ghalih, u anke kien ibiegh biex jissapportja l-habit tieghu u anke jaqla' xi haga wkoll – forsi ghaxra fil-mija(10%) jew hmistax fil-mija(15%). Ammetta li nofs is-somma ta' sebat elef tminn mija u sittin Ewro (€7,860) kienu ta' missieru. In-nofs l-iehor tieghu. Kwart minn dawn il-flus gejjin mill-bejgh tad-droga. Ammetta li mid-droga ghamel qliegh. Ammetta li kien ilu jiehu d-droga ghal tlitt(3) snin b'mod heavy – cannabis u anke kalmanti.
Qal illi l-ahhar li biegh kien l-Erbgha jew il-Hamis ta' qabel.

Xehdet ukoll omm l-imputat dwar il-problema li kellu l-imputat; dwar illi ma kinx stmat minn missieru; dwar li ghenitu jindirizza l-problema li kellu. Qalet illi binha kien addict. Qalet illi l-addiction kienet tipjip – libretti, u li kull ma ried naqra ghajnuma mill-Caritas.
Mistoqsija Mario kinx jahdem fis-sena 2008, wiegbet illi iva, u li kienet izzommlu l-ktieb tas-savings. Qalet illi gieli anke ssellef il-flus minghandha.

Rueben Degabriele xehed illi hu kien jaf lil Mario mill-Caritas – dan ghax Mario tant kien juza droga skondtu, illi bil-kemm kien joqghod bil-qieghda. Qal illi dan kien ipejjep l-smoke. Iddeskrivieh bhala bniedem (dak iz-zmien) b'rabja u nervi kbar. Xehed illi fil-granet prezenti kien ghamel progress kbir, u kien sejjer tajjeb fi hdan il-Caritas. Prezenta d-dokument RD folio 193, li kien jindika li l-imputat kien prezenta urine samples dejjem clean

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti gia' ghamlet analizi fuq il-validita' tal-istqarrija, u allura dak li qal fiha l-imputat. Jirrizulta li viva voce biddel ghal kollox il-verzjoni tieghu. Qal issa li qal dak li qal biss u ghaliex kien mugugh. Pero, ghalkemm il-Qorti m'ghandha ebda dubbju temmen f'dan l-ugiegh, ghandha dubbju kbir temmen il-verzjoni li ta viva voce.

Certament Christopher Buhagiar biddel il-verzjoni tieghu minn xiri ta' seba'(7) darbiet ghal darba. Mhux ghax innega x-xiri nnifsu, imma spjega li fil-maggor parti x-xiri kien isir mhux minnu imma minn siehbu Joe.

Certament ukoll, mix-xhieda tal-pulizija, jirrizulta li Christopher Buhagiar ippartecipa f'controlled delivery, illi cempel lill-imputat biex jinqeda. Certament l-imputat ukoll biddel il-post miftiehem bejnu u bejn dan Christopher.

Certament ukoll u bla dubbju, instabu sustanzi llegali ghand l-imputat, u kwantita' kbira ta' flus li a tempo vergine ammetta li parti minnhom kienet gejja mill-bejgh tad-droga biex isostni l-habit kbir tieghu – dan minnu ammess u anke kkonstatat minn Rueben Degabriele.

Jaqbel ukoll l-imputat illi hu kellu jiltaqa’ ma’ Christopher fiz-zmien tad-Duluri, pero jghid illi dan biss biex dan il-bniedem ghalih injot, jaghtieh is-somma ta’ sebghin Ewro (€70) dovuti rati settimanali bhala radd ta’ self. Jghid illi dan l-injot - ghax jghid illi lil Christopher qatt ma kien rah qabel, kellu jigbor il-flus ghal tal-BMW. Frankament dan kollu xejn ma jaghmel sens!! Jekk l-imputat kellu tant jissellef biex isostni l-habit tieghu, allura kif spicca faddal nofs is-somma ta’ sebat elef u disghin Ewro(€7,090)? In-nofs l-iehor ta’ missieru. Ma tistax tifhem il-Qorti kif dahal got-trappola tal-uzura, pero xorta kien qieghed ifaddal il-flus! (dwar is-sejba tal-flus vide wkoll ir-relazzjoni ta’ Emanuel Camilleri fl-Ingenere a folio 18 tal-istess). Lanqas ma jaghmel sens dak illi xehdet ommu, allura li anke hi gieli selfitu l-flus meta kellu dawn il-flus imfaddlin!

Stranament ukoll, l-imputat, ghalkemm fil-bidu tant insistenti li fil-karozza kellu sebghin Ewro (€70) biex jissodisfa d-dejn, rinfaccat in kontro ezami li dawn instabu fil-kamra wera li ma kinx cert aktar, skondtu ghax kien ghadda z-zmien.

Frankament il-Qorti ssib ftit jew xejn dghajfa, fjakka, u patetika l-verzjoni li offra l-imputat viva voce. Ma tistax tifhem kif dan jinzel ihallas persuna li ma jafx, jammetti li ghandu habit kbir tad-droga tant illi faqqritu, pero jfaddal – anke jekk mhux somma astronomika. Irid ukoll illi jitwemmen illi tant kien mugugh dan, illi nonostante dan l-ugiegh fassal storja ta’ bejgh ta’ droga. Qisu l-ugiegh kien ta’ fertilizzant ghall-immaginazzjoni tieghu!

Tenut dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ghalhekk, wara li rat il-konkluzjonijiet tal-Ispizjar Mario Mifsud u dak kollu hawn sottomess, issib lil Mairo Buhagiar hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat it-Tielet Skeda Parti B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikoli 40A u 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta; ir-IV Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikolu 8, l-Artikoli 22(1), 22(1B), 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; u GN 292/1932; u LN 101.02; kif ukoll l-Avviz Legali 22/1985.

Dwar il-piena, rat ukoll it-Tieni Proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-mitt metru, rat ir-relazzjoni redatta mill-Perit Valerio Schembri appozitament mahtur, qieset ukoll tali aggravju.
Ikkonsidrat ukoll dak li xehed Rueben Degabriele dwar il-progress illi ghamel l-imputat. Ghalkemm il-Qorti m'ghandhix dubju mill-esperjenza tas-Sur Degabriele, jibqa' l-fatt illi l-piena ex lege ghal dawn ir-reati hija wahda tassattivament ta' prigunerija.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tikkundanna lil Mario Buhagiar ghal piena karcerarja ta' erba'(4) snin u ghal multa ta' € 6,000(sitt elef Ewro).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn hamsa u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu(€2,025.37).

Tordna wkoll il-konfiska tas-somma ta' kwart tan-nofs is-somma ta' sebat elef u disghin Ewro(€7,090) hekk kif minnu ammess, in kwantu provenjenti mid-droga, fl-ammont ta' tminn mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€886.25) formanti parti minn ezebit numru IB 131/2008

Tordna wkoll id-distruzzjoni ta' dawk l-ezebiti kollha relatati mad-droga li jgibu n-numru KB137.2010, u tikkomunika din l-ordni lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------